MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2015

Numru. 831/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**ROBERT FITENI**

**(ID: 261979M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ROBERT FITENI** detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 261979(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar is-26 ta’ Awwissu 2013 ghal habta tat-tmienja u kwart ta’ filghaxija (20:15hrs) gewwa Ghalqa fi Triq ta’ Bellu s-Siggiewi u f’dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ delitt ta’ serq aggravat ta’ frott, minn gewwa ghalqa, gewwa s-Siggiewi, ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ taghhom u li kieku dan id-delitt gie ezegwit kien ikun ikkwalifikat bil-hin, ghad-dannu ta’ David Scicluna.

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ David Scicluna.

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal mhux aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment ta’ David Scicluna.

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Volkswagen Bora bin-numru tar-registrazzjoni GBH 301 minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni ghal terzi persuni u minghajr ma’ kien licenzjat mill-awtorita’ ghat-trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq.

U talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D, b'digriet datat 20 ta' Mejju 2013, li permezz ta' dan id-digriet huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom illi ma jaghmilx reat iehor ta' natura volontarja.

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Robert Fiteni u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi mputat kif ukoll tordna li s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) bhala depositu u elfejn ewro (€2,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol 8, fedina penali tal-imputat a fol 9, kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja a fol 10, certifikat mediku a fol 11, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-ghajnuna legali a fol 12, stqarrija a fol 13 et seq u okkorrenza a fol 15 et seq.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Semghet il-provi kollha tal-Prosekuzzjoni kif ukoll lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti kif jirrizulta mir-risposta li huwa ta lill-Qorti waqt l-ezami li sar nhar is-16 ta' Settembru 2013 (fol. 32).

Ikkunsidrat.

**David Scicluna** xehed fl-4 ta' Settembru 2013 fejn iddikjara illi huwa kien gie misruq frott f'xi sitt (6) okkazzjonijiet. Darba hadulu wkoll xi pjanci li kienu ghadhom tajbin. Ix-xhud tenna li kull darba kienu jaqtghu l-gheneb u darba qatghu anke l-hawh. Huwa stqarr illi mbaghad ghamel l-ghassa fejn qabad lill-imputat jaqta' l-frott. Ix-xhud jispjega li kien qabad lill-imputat jaqta' l-frott fit-tmienja u hdax-il minuta ta' filghaxija (20.11hrs). Filfatt dak il-hin kien qed jidlam. Mistoqsi kemm hadlu gheneb wiegeb li dakinhar kien hemm xi tmien (8) kilos maqtughin. Sussegwentement habat ghax-xhud u wara telaq minn fuq il-post. Ix-xhud spjega li ghamillu barxa go saqajh.

Mistoqsi jekk rax wicc din il-persuna wiegeb illi iva ghax kien jarah sikwit ghaddej jimxi minn fuq il-post. Gieli rah tlett darbiet f'gurnata wahda. Filfatt huwa gharaf lil din il-persuna bhala l-imputat prezenti fl-awla. Ix-xhud iddikjara li l-imputat ghamel il-hsara fid-dwieli x'hin beda jaqta' l-gheneb. Ma kienitx hsara kbira pero' huwa beda jqaccat ghax x'hin beda jaqta' l-gheneb qatghu biz-zargun b'kollox. Ix-xhud spjega li l-imputat gie fuq il-post bil-mixi pero' mbaghad kellu l-karozza pparkjata qisu dawk l-erba' mitt (400) metru l-boghod.

Huwa stqarr illi lill-imputat ma kienx jaf min hu u lanqas x'jismu. Huwa jafu biss ghax kien jghaddi jimxi minn hemm ta' sikwit. Ix-xhud pero' hadlu n-numru tan-*number plate* tal-karozza u cempel lill-pulizija. Filfatt in-number plate tal-karozza huwa GBH-301. Huwa spjega li dakinhar il-hsara ma kinitx taqbez il-hamsin lira Maltin (Lm 50) ghax tmien (8) kilos gheneb ma jiswewx iktar minn hamsin lira (Lm 50). Mistoqsi jekk marx il-poliklinika minhabba l-griehi li sofra qal illi iva mar u nghata certifikat mediku li huwa ghadda lill-Pulizija.

**Spettur Roderick Agius** xehed fis-16 ta' Settembru 2013 fejn esebixxa digriet tal-helsien mill-arrest datat 20 ta' Mejju mahrug minn din il-Qorti fil-konfront ta' Robert Fiteni li gie mmarkat bhala Dok. AR1. Huwa esebixxa wkoll dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali fejn gharaf il-firma tieghu, tas-Sur Robert Fiteni, ta' PC1299 u ta' PC1306 li huwa nnumerat bhala Dok. AR2. L-Ispettur esebixxa stqarrija mehuda fl-ufficcju tieghu nhar is-26 ta' Awwissu ghall-habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' filghaxija (21:45hrs) fejn gharaf il-firma tieghu, il-firma tal-imputat Robert Fiteni u ta' PC1299 fejn f'din l-Istqarrija l-imputat kien inghata s-solitu twissija u d-dritt li jikkonsulta mal-Avukat fejn huwa stqarr li ma kellux ghalfejn jikkonsulta mal-Avukat, li gie mmarkat bhala Dok. AR3.

L-Ispettur iddikjara li nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu, elfejn u tlettax (2013) ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (20:00hrs), fejn il-Pulizija tal-Ghassa ta' Haz-Zebbug gew infurmati minn PC 87 illi gewwa ghalqa fi Triq ta' Bellu, is-Siggiewi kien hemm xi persuna mhux maghrufa illi kienet serqet xi frott. Din il-persuna skond PC 87 telqet minn fuq il-post b'vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBH-301 fejn eventwalment ftit tal-hin wara

din il-vettura kienet imwaqqfa minn membri tar-Rapid Intervention Unit fejn is-sewwieq ta' din il-vettura kien arrestat u rrizulta li kien certu wiehed Robert Fiteni illi gharfu prezenti fl-Awla.

Huwa tkellem mal-allegat vittma certu David Scicluna fejn stqarr illi kienu ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (20:00hrs) meta huwa kien qieghed gewwa l-ghalqa tieghu u ra basket b'ammont konsiderevoli ta' gheneb. X'hin ra hekk huwa cempel lil missieru u staqsieh jekk kienx missieru illi kien qata' dan il-gheneb, missieru qallu li ma kienx resaq l'hemm u minhabba l-fatt li s-Sur Scicluna kien ilu jigi misruq minn gewwa l-ghalqa tieghu ghal diversi drabi huwa stahba wara sigra biex jara min kien gej lura biex jiehu dan il-basket. Eventwalment ftit tal-hin wara huwa ra lill-persuna li wara giet identifikata li kien Robert Fiteni l-imputat illi mar jigbor dan il-basket.

X'hin ra hekk sid il-ghalqa qabez fuq l-imputat biex iwaqqfu sabiex ikunu jistghu jigu l-Pulizija u x'hin ra hekk l-imputat agredixxa lil David Scicluna billi qattalu l-flokk u kkawzalu xi griehi fejn eventwalment irnexxielu jahrab minn taht il-kustodja ta' David Scicluna u telaq minn fuq il-post bil-vettura GBH-301.

Minn investigazzjonijiet ulterjuri li ghamlu l-Pulizija fis-sistema tal-PIRS irrizulta illi din il-vettura kellha licenzja mhix imhallsa u inoltre ma kienitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni dak il-hin meta sar ir-reat. Ftit tal-hin wara li s-Sur Robert Fiteni gie arrestat gie mitkellem minnu fl-ufficcju tieghu fejn inghata s-solitu twissija u d-dritt li jikkonsulta mal-Avukat fejn dak il-hin huwa rrinunzja d-dritt tal-Avukat. L-imputat kien ammetta

mieghu li kien seraq dan il-frott, imma qal ukoll illi meta pprova jzommu David Scicluna kien ikkawzalu xi griehi. Kien ammetta mieghu wkoll illi kien qed isuq l-istess vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBH-301.

L-Ispettur spjega li f'dak il-hin li s-Sur Fiteni kien ghamel dan l-allegat reat huwa kien qed jibbenefika mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest u minhabba dan il-fatt huwa tressaq b'arrest quddiem il-Magistrat Ian Farrugia fejn ma kienx inghata l-helsien mill-arrest. Huwa qal ukoll li sid l-ghalqa certu David Scicluna kien ipprova jirranga l-affarijiet bil-kelma t-tajba skond x'qallu fil-konfront tal-imputat imma l-affarijiet skalaw.

L-Ispettur kompla jixhed in kontro-ezami fejn iddikjara li ftit hin wara li sar l-incident, l-imputat kien gie arrestat minn membri tar-Rapid Intervention Unit. Ix-xhud iddikjara li lill-imputat ma rahx bil-flokk imqatta' meta mar ghandu izda kien liebes flokk. Huwa jaf illi kellu xi grif f'idejh sewwa u xi griehi f'rasu. Filfatt kien hu stess personalment li akkompanjah lejn ic-Centru tas-Sahha tal-Furjana qabel ma tnizzel il-Lock Up tal-Pulizija. Mistoqsi jekk ic-certifikat tal-imputat jinsabx ghandu wiegeb illi f'dan l-istadju c-certifikat mhux fil-pussess tieghu ghax kienu se jinhargu wkoll akkuzi fil-konfront ta' David Scicluna fuq l-allegat griehi ta' natura.

Mistoqsi jekk ittiehdux ritratti lis-Sur Fiteni u lis-Sur Scicluna wiegeb illi huwa ghandu ritratti tas-Sur Scicluna fuq il-mobile tieghu. Pero’ huwa ma hax ritratti tal-imputat. Huwa stqarr illi huwa kien staqsa lis-Sur Scicluna rigward il-griehi li garrab l-imputat u wiegbu illi hekk kif dan harab minn fuq il-post l-imputat xkana u l-griehi ghamilhom minhabba l-fatt li huwa waqa' mal-art u fil-verita' sewwa meta huwa jara l-griehi li kellu fuq idejh

huma kompatibbli ma' ta' persuna li taqa' u tinbarax mal-art. Huwa stqarr illi ma hassx in-necessita' li jiehu ritratti lill-imputat ghax ma kellux xi griehi ta' barra minn hawn jigifieri dan kull ma kien hemm grif superficjali u kien hemm daqqiet superficjali fuq ir-ras.

**PC 87 George Galea** xehed fis-6 ta’ Gunju 2014 fejn iddikjara illi jiftakar li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu, ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija (20:30hrs) huwa kien fl-inhawi tas-Siggiewi proprju fejn hemm id-dar tal-Providenza u nnota illi kien hemm bniedem qed jigri bi hwejjgu mqatta'. Ix-xhud avvicinah u qallu li kien ghadu kif gie misruq. Fl-akkwati huwa ra karozza Volkswagen sewda tal-ghamla Bora GBG-301. Minnufih huwa cempel lill-119 mad-Depot tal-Pulizija biex jitlob l-assistenza. Huwa tenna li effettivament mill-investigazzjoni li ghamel irrizulta illi Robert Fiteni kienet il-persuna li serqet waqt li l-vittma kienet persuna bl-isem ta' David li kunjomha mhux maghruf minnu.

Ix-xhud ra li kien hemm David ukoll fl-inhawi fejn kellu hwejjgu wkoll imqatta', kellu diversi grif. Ghalhekk hadu l-Policlinic u sussegwentement hadu l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi biex jaghmel rapport. Huwa fl-ebda hin ma’ tkellem ma' Robert Fiteni u dan gie arrestat minn tal-RIU u mghoddi l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi. Ix-xhud sostna li dak il-hin irrizultalu li l-vettura GBH-301 ma kellhiex licenzja u *insurance* li tkopriha.

**PS 1141 Noel Tanti** xehed fis-6 ta’ Gunju, 2014 fejn jiftakar li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu, *two thousand thirteen* (2013) ghall-habta tat-tmienja u nofs (20:30) gie l-Ghassa certu David Scicluna jaghmel rapport li kellu xi jghid ma' xi hadd li seraqlu basket gheneb. Fil-fatt jghid li dak il-hin

kien cempel lil missieru ghax haseb li missieru kien mela dan il-basket bl-gheneb u hallieh mal-art u missieru kien ikkonfermalu li ma kienx hu.

Huwa qaghad jistenna ftit biex jara jekk xi hadd kienx gej biex jigbor dan l-istess basket bl-gheneb. Fil-pront giet persuna illi qabdet il-basket u appena qabdet il-basket David Scicluna prova jzommu, gew fl-idejn u wara din il-persuna telqet bil-karozza bl-gheneb b'kollox. Il-vettura in kwistjoni kienet GBH-301 tal-ghamla Volkswagen. Dak il-hin huwa ccekja ta' min hi l-karozza u sar jaf li hija ta' certu persuna maghrufa bhala Robert Fiteni. Ftit wara cemplu lix-xhud tal-RIU u qalulu li kellhom il-karozza *wanted* proprju dak il-hin. Huwa ha lil Robert Fiteni l-Ghassa u ha l-verzjoni tieghu illi effettivament huwa ma seraqx il-basket bl-gheneb. Meta qallu li dak il-basket kien jiswa mitejn ewro (€200) huwa cahad li effettivament kellu dan il-valur u konsegwentement l-Ispettur nizlu l-Ghassa u saret l-investigazzjoni minnu.

Ix-xhud ra l-okkorrenza esebita f'dawn l-atti datata sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu, elfejn u tlettax (2013) immarkata bhala dokument RA6 li tinsab inserita a fol. hmistax (15) tal-process u kkonferma illi din l-okkorrenza ghamilha hu. Huwa ddikjara li Robert Fiteni ma qallux li ha basket gheneb, izda qallu illi huwa kien miexi u ha fergha gheneb pero' fl-ebda hin ma kkonferma li ha basket gheneb. Ix-xhud fl-ebda hin ma ra din il-borza gheneb. Ghalkemm il-persuna li ghamlilhom ir-rapport u cioe’ David Scicluna nsista li jiehdu l-okkorrenza tieghu.

Ix-xhud sostna illi Robert Fiteni qallu li nhasad malli David Scicluna qabdu, u gew fl-idejn. Huwa jaf li kellu xi dmija wara widnejh u flokk imqatta'. Kien

ghalhekk li huma fil-fatt baghtuh ghall-assistenza medika. Saru jafu wkoll li l-persuna in kwistjoni kienet minghajr licenzja u minghajr *insurance*.

**Stephen Cachia** xehed fil-15 ta’ Lulju 2014 in rapprezentanza tal-Malta Transport fejn iddikjara li huwa gie mitlub sabiex jaghti nformazzjoni dwar vettura tal-ghamla Volkswagen Bora bin-numru ta' registrazzjoni GBH-301 u partikolarment fuq min kienet registrata nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu, elfejn u tlettax (2013). Qal illi mir-ricerka li ghamel jirrizulta li din il-vettura kienet registrata f'isem Robert Fiteni detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 261979(M) mid-disgha (9) ta' Lulju, tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u ghadha licenzjata sa llum. Pero' spjega li r-*road license* ta' din il-vettura skadiet nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Lulju, elfejn u tlettax (2013) u giet rinnovata fis-sbatax (17) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Dwar l-insurance fuq din il-vettura spjega illi huwa kopert b'polza ta' sigurta' mahruga mill-Middle Sea Insurance u tibda mill-istess gurnata tas-sbatax (17) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tlettax (2013). Huwa esebixxa dokumentazzjoni mahruga minn Transport Malta li l-Qorti mmarkat bhala Dokument ADT.

**Dr. Maria Callus** xehdet fis-17 ta’ Ottubru 2014 fejn iddikjarat illi hija kienet ezaminat lil David Scicluna nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu, elfejn u tlettax (2013) u dana fil-Floriana Health Centre. Dakinhar David Scicluna kien qed isofri minn grif fuq spalltu x-xellugija, barxa fuq subajh il-kbir fuq in-naha tal-lemin, barxa fuq spalltu tal-lemin, tbengila fuq idu madwar *point five centimetres* (.5cm) u grif fuq sidru.

Hija fil-fatt kienet irrilaxxat certifikat mediku u dan ghall-habta tad-disgha u kwart (21:15). Ikkonfermat li c-certifikat esebit fl-atti mmarkat bhala Dokument RA3 a fol. 11 huwa fil-fatt ic-certifikat irrilaxxat minnha. Fic-certifikat hija ddiskriviet il-feriti bhala li kienu ta' natura hafifa.

**Robert Fiteni** l-imputat xehed minn jeddu u b'mod volontrarju fit-8 ta' Jannar, 2015 fejn jiftakar illi dakinhar tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu, tas-sena elfejn u tlettax (2013) l-ewwel mar jghum u filghaxija kien mar jimxi. Ipparkja l-karozza tieghu kif dejjem jaghmel fil-bidu tal-Fawwara u jghid li kien miexi. F'hin minhom kien hemm ghalqa u stqarr illi qata' ghanqud gheneb, dan billi dahal fl-ghalqa u meta dahal f'din l-ghalqa li m'hijiex tieghu ma talab permess lil hadd ghax is-sid ma kienx hemm u fil-fatt kien hemm borza mal-art u qata' zewg (2) ghenieqed u poggihom faccata tat-triq, forsi kien hemm xi nofs kilo. Sussegwentement mar jimxi sas-Salib tal-Gholja u huwa u gej lura qabad din il-borza u mar lejn il-karozza. Huwa ddikjara li gie wiehed hafi minn wara u beda jtih u mlieh kollu demm f'rasu u wara widnejh. L-imputat fil-fatt dak il-hin dar fuqu u qallu "*ara x'ghamiltli*?" Din il-persuna qaltlu "*l-gheneb tieghi*" u wiegbu "*b'daqshekk*" u qallu "*ghaliex xebghu jisirquh minn hemmhekk*". L-imputat iddikjara li onestament din kienet it-tieni darba li ghadda minn dik it-triq.

Huwa sostna li fl-ebda hin ma ghamel xi *self defence*. Huwa kellu feriti wara widnejh u go rasu izda fl-ebda hin ma missu. Fil-fatt gie minn warajh u hasdu u fil-fatt meta gie nterrogat mill-Pulizija qalilhom li ma kienx minnu u li fil-fatt kien qallu li ma kellu l-ebda farka jew traba fuq saqajh. Huwa

sostna li kien hu li effettivament waqa' mal-art, imbaghad startja l-karozza u mar id-dar. Kif wasal id-dar biex ma jurix lill-ommu jaf li nehha l-flokk li kien bid-dmija u pogga l-flokk taht il-komodina u libes flokk iehor u mar jara jekk hux ser jaghmel xi rapport l-Ghassa. Appena beda jsuq gew il-Pulizija fuqu, immanettjawh, haduh l-Ghassa u spicca l-Habs.

Huwa kkonferma li ma kellux *insurance* u lanqas *road license* ghax kienu skadew. Fil-fatt stqarr illi dak iz-zmien kellu problemi finanzjarji u fil-fatt ghalhekk kien imur jimxi bhala terapija. Fil-fatt qal ukoll illi kellu kwistjoni ma' huh u kellu wkoll proceduri l-Qorti dwarha. L-imputat sostna li mid-dsatax (19) ta' Awwissu fil-fatt beda mpjieg *full time* u qieghed ghal qalbu hafna, pero' llum il-gurnata qed jahdem bil-ktieb. Illum stqarr illi ghandu wkoll relazzjoni ma' tfajla. Meta huwa kellu proceduri fil-konfront ta' huh kien jiffirma l-*bail book* Haz-Zebbug. Huwa fl-ebda hin ma ghamel xi rezistenza jew ipprova jimbotta lill-parte civile.

L-imputat bil-gurament tieghu ddikjara illi fl-ebda hin ma miss lill-allegat vittma u ma qattalu l-ebda flokk. Fil-fatt huma nqabdu f'kantuniera u seta' kien illi l-persuna l-ohra laqghat il-hajt meta beda jtih lill-imputat. Huwa cahad li telaq jigri meta rah u ghamel il-griehi mal-art. Fil-fatt kien mar ghand it-tabib u ghandu certifikat li jindika l-feriti li sofra. Huwa esebixxa l-flokk li kien liebes dakinhar li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument Z.

**Dr David Fenech** xehed fit-12 ta' Frar, 2015 fejn ikkonferma li fis-27 ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) ghal habta tal-kwarta ta' filghodu (00:15hrs) huwa kien ezamina lil Robert Fiteni gewwa c-Centru tas-Sahha l-Floriana. Huwa spjega li dak iz-zmien huwa kien akkumpanjat minn PC

1219. Ix-xhud tenna li dan kellu diversi gundalli fir-ras, girfa fil-widna tax-xellug, ugiegh u hmura fuq in-naha ta' quddiem tal-ghonq, grif fuq il-minkeb tal-lemin, grif fin-nofs fuq il-lemin tad-dahar, hmura u grif fuq l-ispalla tax-xellug. Dawn il-feriti kienu kollha ta' natura hafifa. Ix-xhud esebixxa certifikat li huwa rilaxxat minnu stess u qal li dan qed jigi mmarkat bhala Dokument DF. Huwa spjega li gundalla tigi kkagunata b'daqqa, *blunt trauma*.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Illi jidher li f'dan il-kaz l-imputat kien ghaddej hdejn il-Fawwara proprju hdejn l-ghalqa allegatament proprjeta' ta' David Scicluna u dahal f'din l-istess ghalqa u kien bi hsiebu jisraq xi ghanqud ta' gheneb tant li qata' xi ferghat (ghalkemm dwar il-quantum li qata' ma hemmx qbil bejn il-partijiet) u baqa' miexi. Jirrizulta wkoll li wara l-mixja l-imputat mar sabiex jigbor dan l-gheneb u meta ghamlet hekk dan Scicluna rah jigbor l-gheneb li kien tieghu u avvicinah u qallu li kien qed jisirqu. F'dan il-mument jidher li l-imputat u l-allegat vittma gew fl-idejn u waqt li l-imputat jghid li l-allegat vittma aggredih u tah bla hniena u kkagunalu diversi feriti kif jirrizulta mic-certifikat u xhieda ta' Dr David Fenech, l-allegat vittma jghid li kien l-imputat li hebb ghalih u kkagunalu feriti ta' natura hafifa u qattghalu l-flokk liema flokk pero' qatt ma gie ezebit. Waqt li l-flokk imqatta' tal-imputat gie ezebit fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2015.

Illi a bazi ta' dawn il-fatti l-Prosekuzzjoni ghogbietha tohrog diversi akkuzi u ghalhekk jispetta lil din il-Qorti tezamina dawn l-istess fatti kif jirrizultaw mid-deposizzjonijiet tax-xhieda fuq indikata fid-dawl tal-elementi rikjesti ghall-ezistenza ta' tali reati.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat fuq attentat ta' serq aggravat bil-hin. Jidher u dan fuq ammissjoni tal-imputat stess li huwa verament kien dahal fl-ghalqa ta' David Scicluna qata' xi ghanqud gheneb poggihom go kaxxa u wara xi hin u cioe' ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija (8.30 hrs) mar jigbor l-istess kaxxa u kien f'dak il-hin li sid l-gheneb waqqaf lill-imputat milli jiehu dan l-istess frott. Illi ghalhekk huwa minnu li s-serq ma giex ikkonsmat minhabba xi haga accidentali mill-volonta' tieghu u cioe' ghaliex gie mwaqqaf minn sid l-gheneb. Pero' dwar l-aggravju tal-gheneb jinghad li l-ispostament tal-oggett u cioe' l-*amotio* sehh hafna qabel tat-tmienja u nofs ta' filghaxija (8.30pm) u ghalhekk meta ma kienx ghadu d-dlam. Jinghad li l-incident sehh fix-xahar ta' Awwissu 2013 meta l-granet ikunu twal u l-pulizija ma pprovatx li fil-mument tal-attentat tal-kummissjoni tas-serqa x-xemx kienet diga' nizlet u ghalhekk ghalkemm jirrizulta l-attentat tas-serq ma jirrizultax l-aggravju tal-hin. Jinghad ukoll li lanqas ma gie ppruvat il-valur ta' tali serq u ghalhekk il-Qorti qieghda tqis l-attentat ta' din is-serqa bhala wahda ta' attentat ta' serq semplici.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat li effettivament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' David Scicluna. Jirrizulta li effettivament kif stqarr David Scicluna stess kien hu li agredixxa lill-imputat l-ewwel u dan bil-ghan li jwaqqfu milli jisraq l-gheneb. L-imputat jghid li Scicluna qabdu minn wara

u kkagunalu diversi feriti kif deskritti minn Dr David Fenech, liema feriti kif deskritti mit-tabib jikkombacjaw mal-verzjoni tal-fatti ta' kif gie ferut l-imputat minn Scicluna stess. Ghalhekk f'kaz li verament Scicluna kellu xi feriti dawn gew kagunati meta l-imputat kien qed jilqa' d-daqqiet minghand Scicluna u cioe' fil-perkors tas-*self defence* tieghu u ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax ghaliex il-Qorti qed tabraccja d-difiza tas-*self defence* tal-imputat. M'hemmx dubju li l-imputat kien bezghan meta gie aggredit u beda jilqa' d-daqqiet li kien qed jaqla'. PC 87 George Galea wkoll jikkorrobora dak li qal l-imputat li huwa spicca bil-flokk imqatta' ghaliex effettivament meta rah jigri fl-inhawi kellu l-flokk imqatta u kellu diversi dmija.

Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat talli ghamel hsara volontarja lil David Scicluna bili allegatament gharraq hwejjeg ta' Scicluna. Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax xi hsara kkaguna u dan ghaliex kull ma jirrizulta li l-imputat kien qata' xi ghanqud tal-gheneb. Scicluna jghid li qattghahom hazin pero' anke jekk in pessima ipotesi dan kien minnu, zgur li ma jirrizultax li effetivament kien hemm xi hsara monetarja u ghalhekk tali tielet akkuza wkoll ma tirrizultax.

Fir-raba' lok l-imputat gie akkuzat li kellu r-*road license* tal-vettura tieghu GBH 301 skaduta u li saq meta ma kienx kopert b'polza ta' sigurta'. Dwar din l-akkuza, din tirrizulta provata b'mod sodisfacenti anke mill-ammissjoni tal-imputat stess fid-deposizzjoni tieghu. Apparti l-fatt li jirrizultaw mix-xhieda ta' Stephen Cachia rapprezentant tal-ADT.

Fil-hames lok l-imputat gie akkuzat talli naqas li jhares kundizzjoni mposta minnu fid-digriet tal-liberta' provizorja tal-20 ta' Mejju 2013. Dwar dan jinghad li l-Prosekuzzjoni verament esebiet kopja tad-digriet relattiv (fol. 38 Dok. AR 1), pero' fl-ebda hin ma ghamlet referenza ghal-liema kondizzjoni effettivament l-imputat kiser u inoltre l-Prosekuzzjoni ghalkemm esebiet dan id-digriet fejn l-imputat inghata l-liberta' provizorja ma ressqet l-ebda prova illi dan l-istess kaz kien ghadu ghaddej dakinhar tas-26 ta' Awwissu 2013. Konsegwentement din l-akkuza wkoll ma tirrizultax provata. Konsegwentement din il-Qorti ma tistax tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Mejju 2013 u wisq inqas ghalhekk ma tistax tordna li s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) bhala depozitu u elfejn ewro (€2,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

**Ghalhekk il-Qorti rat l-Artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 41(1)(a), 221, 261(f), 281(a) u 325(c) tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u din il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat ROBERT FITENI hati tal-akkuza ta' attentat ta' serq semplici u talli saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBH 301 meta ma kienx kopert b'polza ta' sigurta' u meta kellha r-*road license* taghha skaduta u tikkundannah multa ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400) liema multa tista' tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100) bl-ewwel pagament dovut sa mhux aktar tard mill-15 ta' Gunju 2015 u dan ai termini tal-Artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha.**

**Oltre dan tordna li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghall-perjodu ta’ sena mil-lum.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------